MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tat-2 ta' Novembru, 2005

Avviz Numru. 418/1998/1

**Allied Insurance Services Limited agenta ghas-socjeta' estera assiguratrici "Assicurazioni Generali S.p.A" w din kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Billy's Operators Ltd**

**Vs**

**John u b'digriet tad-19 ta' Mejju 1998 l-isem John qed jigi sostitwit bl-isem "Jonathan" Felter**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta' attrici talbet sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandhux jigi kundannat li jhallas lill-istess socjeta attrici nomine s-somma ta' mija w tmenin liri maltin w wiehed u hamsin centezmi (Lm180.51,0) jew somma verjuri, rappresentanti d-danni nkorsi mill-assigurat tas-socjeta' attrici in konsegwenza tal-kollizjoni li grat fit-23 ta' Gunju, 1996, f'Marfa Road, Ghadira, bejn il-karozza K-5929 mill-konvenut misjuqa u l-

karozza X-4882 proprjeta’ tal-assigurat w misjuqa minn Susan A. Davies, liema danni kellha taghmel tajjeb ghalihom is-socjeta’ assiguratrici skond il-polza w l-ligi.

Bl-ispejjes u l-imghax legali inkluzi dawk tal-ittra ufficjali.

Il-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut (fol 6 tal-atti) u li biha eccepixxa bir-rispett:-

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi m’huwiex minnu illi huwa kien qed isuq il-karozza K-5929 meta grat il-kollizjoni in kwistjoni.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri. (ara ukoll fol 8 tal-atti).

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat

Illi PS 298 Joseph Grima (fol 13 et seq ibid) spjega li, fl-24 ta’ Gunju 1996, cjoe l-ghada tal-incident in esami, hu kien ircieva rapport minghand certa Suzanne Angela Davies illi waqt li kienet qed taghmel uzu minn vettura mikrija bin-numru X-4882 u ssuq l-istess vettura f’Triq il-Marfa fl-Ghadira tal-Mellieha din kienet giet milquta fuq in-naha tax-xellug minn vettura ohra K 5929. Skond dejjem l-istess rapport hi kienet waqfet waqt li s-sewwieq tal-vettura l-ohra involuta kien assiguraha illi kienu ‘ser nirrangaw’ u b’hekk ma kienx hemm bzonn li jigu l-Pulizija fuq il-post tal-incident. Minhabba hekk, hu kien tkellem telefonikament ma sid din il-vettura cjoe John Felter li kien informah li din kienet qed tintuza, fil-jum in kwistjoni minn ibnu, Jonathan. Mir-rapport esebit in atti mill-istess xhud jidher illi Suzanne Angela Davies kienet informat lix-xhud illi l-vettura uzata minnha kienet intlaqtet fuq il-bieba ta’ wara tan-naha tax-xellug. Inoltre jidher illi Jonathan Felter kien informa u qal lill-Pulizija illi ‘huwa ra l-karozza gejja huwa waqaf u hija baqghet diehla go fih”.

Illi Emanuel Bonanno in rapprezentanza tas-socjeta assikurata kkonferma illi l-vettura in kwistjoni kienet assikurata ‘comprehensive’ mas-socjeta attrici, li, wara dan l-incident, l-istess socjeta assikurata kienet giet risarcita fl-ammont ta’ Lm191.16, liema somma giet imhallsa mis-socjeta attrici nomine hlief ghall Lm25 ‘excess’ (fol 38 sa fol 44 ibid). Jigi notat, fost id-dokumenti, dak a fol 40 u fol 41 ibid cjoe il-‘Motor Accident Report Form’. F’dan id-dokumenti hemm ‘sketch plan of accident’ (fol 41 ibid) li jidher li gie ffirmat minn Suzanne Angela Davis u li fuqu hemm murija, b’mod approssimattiv, il-vetturi imsemmija u involuti f’dan il-kaz, liema ‘sketch’ donnu jindika illi s-sewwieq tal-vettura K5929 kien qed jindjetregga biex jidhol fit-Triq principali msemmija u b’hekk laqat lill-vettura misjuqa mit-tfajla barranija msemmija.

Ikkunsidrat

Illi dawn huma l-unici provi prodotti mis-socjeta attrici nomine dwar id-dinamika ta’ dawn l-incident. Da parti tieghu xehed l-istess konvenut (fol 52 et seq ibid) u dan cahad kategorikament illi kien involut f’dan l-incident. Difatti, hu jsostni illi hu u t-tfajla tieghu kienu mexjin lejn il-karozza, usata minnu bin-numru gja msemmi, li pero’, kienet parkeggata. Hawnhekk hu kien ra karozza ohra … li rriversjat sabiex tidhol f’dahla u laqtet il-karozza tieghi”, li kienet kif di gja inghad parkeggata fil-quccata ta’ nizla. In kontro ezami hu reggha cahad illi meta saret il-habta hu kien fil-karozza tieghu u jsuqha.

Ikkunsidrat

Illi, kif jidher mill-premess, ma gietx prodotta l-imsemmija Suzanne Angela Davies sabiex tixhed, u dwar id-dinamika tal-incident, is-socjeta attrici nomine qed tistrieh fuq dak li rraportat lill-Pulizija l-istess tfajla kif riprodotta a fol 16 tal-atti u fuq l-‘sketch’ inkluz mad-dokument imsemmi a fol 41 tal-istess atti.

Illi dwar jekk dak li stqarret l-istess tfajla jistax jigi kunsiderat bhala prova valida fil-ligi, il-Qorti rat l-artikoli 577, 598, 599 u 600 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijet ta’ Malta. Minn dan l-artikoli li huma rilevanti sabiex din il-Qorti tara jekk il-provi prodotti f’dan il-kaz mis-socjeta attrici humiex ammissibbli o meno, ir-regola generali hi illi xhud ghandu jinstemgha quddiem il-Qorti, bil-miftuh u ‘viva voce’. Inoltre, bhala regola, l-istess Qorti ma ghandhiex tiehu qies ta’ xhieda dwar fatti li xhud jghid li sar jafhom minghand haddiehor jew li qalhom haddiehor li jista’ jingieb biex jixhed fuq dawk il-fatti. Pero l-istess Qorti tista’ skond ic-cirkostanzi tippermetti xhieda fuq kliem haddiehor meta l-istess kliem haddiehor ghandu fih innifsu importanza sostanzjali fuq il-meritu jew inkella dan haddiehor ma setax jingieb biex jixhed u l-fatti jkunu tali li ma setghux jigu ppruvati xort’ohra fil-kazijiet specifikati fl-istess ligi fosthom “ta’ kliem jew fatti ta’ nies … li jkunu assenti u li ma kellhom ebda interess li jghidu jew jiktbu l-falz …” Inoltre tista’, ukoll, issir referenza ghall-artikolu 606 tal-istess Kapitolu 12 citat kif ukoll ghall-artikoli 622A tal-istess Kodici.

Illi tenut kont tal-artikoli citati, din il-Qorti avolja kien ikun utili f’kaz ta’ kredibilta ta’ xhud ma tarax li hu ammissibbli, bhala prova tal-fatti, dak li l-imsemmija tfajla stqarret lill-Pulizija skond l-imsemmi rapport kif ukoll dak li hu inkluz fl-imsemmi ‘Motor Accident Report Form’ a fol 40 u 41 tal-atti. Difatti hawnhekk trattasi ta’ ‘hearsay evidence’ u s-socjeta attrici nomine kellha l-opportunita li tissufruwixxi minn dak stipulat fl-artikolu 606 u 622A hawn fuq imsemmija. Hawnhekk jigi rilevat li ma hux car ghaliex is-socjeta attrici nomine ma ipproducietx quddiem din l-Qorti, l-imsemmija tfajla sabiex taghti x-xhieda taghha ‘viva voce’ jew ghaliex ma talbietx lil din il-Qorti, taht dak provdut fl-artikolu 606 citat jew li ma pproducietx ix-xhieda taghha, kif provdut fl-artikolu 622A, ukoll citat.

Ikkunsidrat

Illi anke jekk ghall-grazzja tal-argument, il-provi premessi setghu kienu ammissibbli a basi taghhom biss, il-Qorti ma setghetx tasal ghal konkluzjoni illi l-konvenut kien b’xi mod

negligenti fis-sewqan tieghu. Hawnhekk, jigi rilevat ulterjorment, illi l-konvenut xehed kif hawn fuq sintetizzat u ta versjoni tal-fatti altament konfliggenti u li setghet kienet fuq basi ta’ probabilta, dik li tirrifletti dak li , attwalment, gara f’dan il-kaz.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tichad it-talbiet attrici bl-ispejjes kontra is-socjeta attrici nomine.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------